# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 286 – It-Tnejn, 4 t'Awwissu, 2014

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
L-Ambaxattriċi taż-Żgħażagħ Clara Grixti.

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduti nru. 284 u nru. 285 ikunu approvati bħala dokumenti korretti. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Patching**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet mill-ħaddiema tal-Public Works għadhom hekk u ilhom hekk issa għal aktar minn ħames xhur. Is-Sindku reġa' appella biex issir pressjoni biex ix-xogħolijiet jitkomplew.

**2.2 Laqgħa għar-residenti taz-zona ta' Kirċippu**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Perit tal-Kunsill iltaqa' ma' xi residenti ta' Triq Salvo Curso li taw l-opinjoni tagħhom dwar il-parkeġġ fiz-zona, biex b'hekk jitħejjew jitħejjew il-pjanti neċessarji u tkun tista' ssir il-laqgħa mar-residenti. Fil-pjanti wkoll għandu jkun hemm inkorporat il-proposta tat-*traffic lights*.

**2.3 Xogħlijiet fil-Proġett Tal-Għolja**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li x-xogħolijiet kienu mexjin. Is-Sindku appella lill-kunsilliera biex iżuru x-xogħolijiet ħalli jkunu jistgħu isegwu huma stess il-progress li jkun qed isir.

**2.4 Apell dwar il-bini ta' 12-il razzett tal-baqar fiz-zona ta' San Niklaw qrib id-Dar tal-Providenza.**

Is-Sindku qal li kien iltaqa' mal-Perit Carmel Cacopardo u l-appell kien mistenni li jiddaħħal fit-tieni nofs tax-xahar t'Awwisu.

Huwa qal ukoll li kellu laqgħa mas-sur Mario Farrugia, President tal-Fondazzjoni Wirt Artna fejn ġiet esplorata l-possibilta' li ssir talba biex l-art skedada madwar l-irziezet tiġi devoluta lill-Kunsill u lill-Fondazzjoni bi skop li din tiġ żviluppata fi proġett storiku marbut mal-aħħar gwerra dinjija.

**2.5 Triq il-Mitħna**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kellem lis-sur Sigmund Galea. Is-Sindku talab li l-kuntatt isir permezz ta' korrispondenza.

## 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Rapporti Finanzjari Jannar – Marzu, u April-Ġunju, 2014**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tal-kontijiet għall-perjodi Jannar-Marzu, u April-Ġunju, 2014.
Huwa fisser li filwaqt li fl-ewwel kwart kien hemm żbilanċ fil-*Working Capital* ta' €45,863, fit-tieni kwart dan ġie riversjat u spiċċajna b'bilanċ ta' €8,083.

## 4. HWEJJEĠ OHRA

**4.1 Bring-in site fi Triq Salvo Borg Olivier**

Is-Sindku qal li l-Perit kien qed iħejji l-pjanti tqx-xogħolijiet li jridu jsiru. Se nippruvaw ukoll li din il-*bring-in-site* tkun mgħassa bil-*camera*. Barraminnhekk, jekk

hu possibli nżidu d-dawl fl-imsemmija triq, u barraminhekk, nesiġu li jsir infurzar biex jitneħħew it-trailers.

**4.2 Lista ta' ħsarat fit-toroq li jeħtieġu tiswija bil-*hot asphalt*.**

Wara diskussjoni dwar din il-materja, is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jħejji lista ta' dawn il-ħsarat.

**4.3 Bankina fi Triq San Nikola**

Din il-materja se tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

**4.4 Festa Għeneb**

Is-Sindku qal li l-preparamenti mexhin. Se ssir konferenza stampa fit-19 t'Awwissu u li għaliha se jkunu mistiedna s-Segretarji Parlamentari Roderick Galdes u Stefan Buontempo. Appella lill-Kunsilliera biex min jista' joffri l-għajnuna tiegħu.

Il-Viċi-Sindku għandu jikkuntattja lis-*St John Ambulance Brigade* biex ikunu preżenti b'ambulanza.

Is-Sindku qal li l-vaska se tinbena ħdejn l-istatwa ta' San Nikola.

Id-dħul kollu se jmur għad-Dar tal-Providenza.

**4.5 Is-Shelters tal-Pjazza**

Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Nikol Cassar, is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru l-bokok tal-ħadid li ma jistgħux isiru kollha f'daqqa. Li se jsir hu li tinfetaħ waħda mill-bokok, issir it-tiswija neċessarja, il-ħaddied ikejjel, terġa' tingħalaq temporanjament, u tinfetaħ meta jitlesta x-xogħol tal-ħadid. Dan il-proċess jirrepeti ruħu għal kull bokka.

Rigward il-bokka viċin il-Kunsill, sar il-permess mal-MEPA biex titwessa l-bankina u jsir ukoll is-*shelter* għat-Trasport Pubbliku. L-aċċess għall-pubbliku jkun min-naħa tal-Kunsill u l-ħruġ ikun mill-bokok l-oħra.

Il-pjan hu li s-*shelters* jinfetħu għal ħabta ta' Ottubru li ġej.

Għandu jiġi ikkuntattjat is-sur Mario Farrugia biex jikkontribwixxi l-ideat tiegħu dwar x'jista' jsir fihom.

**4.6 Attivitajiet fil-Bitħa tal-Kunsill**

Il-Grupp tal-Armar talbu li jorganizzaw attivita' oħra fil-bitħa. Il-Kundizzjonijiet huma li ma jsirx tisjir u li l-attivita' tintemm fil-11.00 p.m. Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tintlaqa. Il-Viċi Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.7 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo.**

Is-Sindku qal li din il-laqgħa kienet waħda pożittiva. Saret emfażi dwar diversi punti fosthom: il-ħaddiema tal-IPSL, u l-ħaddiema tal-Dipartiment tax-Xogħilijiet fejn jirrigwardja l-*patching.* Sar suġġeriment mis-Sindku biex parti mill-ħlasijiet tal-VAT magħmula mill-Kunsilli jerġgħu jgħaddu għand il-Kunsilli. Ġiet diskussa wkoll il-materja tal-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali u l-ħtieġa li d-deċiżjoni tittieħed mill-aktar fis possibli.

**4.8 Skema tal-UE dwar l-Arti u l-Kultura**

Fl-aħħar jiem tnediet skema tal-UE dwar l-Arti u l-Kultura li mhijex miftuħa għall-Kunsilli imma għall-għaqdiet volontarji. Għalhekk se ssir laqgħa għal dawn l-għaqdiet fejn rappreżentanta tal-Majjistral biex issir spjega dwar din l-iskema.

**4.9 Parkeġġ fil-Pjazza nhar ta' Sibt filgħodu.**

Is-Sindku qal li nġibdet l-attenzjoni dwar din il-materja u kif il-*hawker* in kwistjoni jipparkja l-karrozzi b'mod permanenti. Dan barra l-konfużjoni li jkun hemm waqt il-ħin tan-negozju. Is-Sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa ma' dan il-*hawker* biex tiġi esplorata soluzzjoni

**4.10 Tilqima tal-Influwenza**

Il-Viċi-Sindku ippropona li din is-sena wkoll jerġa' jingħata s-servizz tat-tilqima tal-influwenza u li l-avviż dwar dan isir ukoll fil-Knisja. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.11 Traffic markings fi Triq il-Qiegħa**

Wara ilment imressaq mill-Kunsillier Nicholas Cassar, is-Sindku issuġġerixxa li jsiru t-traffic markings fit-triq kollha.

**4.12 Ipparkjar abużiv fi Triq l-Iskola**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li meta jkun hemm attivita' fl-iskola u għandha tinkiteb email lill-kap tal-iskola biex ikun infurmat dwar din il-materja.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2014.**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 286**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 21/7-14-4/8/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | employees | 5353.99 | 5353.99 | d | pf | salaries july14 | | | | | 0 | |
| 2 | k.aquilina mayor | 686.52 | 686.52 | d | pf | honoraria mayor july14 | | | | | 1100 | |
| 3 | cir | 1926.16 | 1926.16 | d | pf | cir - july14 | | | | | | 10327 |
| 4 | cassie cutajar | 86.40 | 86.40 | d | pf | clerikal work saturdays july14 | 1.7.14 | | | | 3065 | 10333 |
| 5 | melita | 14.74 | 14.74 | d | pf | tv july14 inv36848681 | 22.7.14 | 36848681 | | | 3110 | 10310 |
| 6 | ecopure | 17.00 | 17.00 | d | pf | water for dispenser inv580086 | 30.7.14 | 580086 | | | 3340 | 10305 |
| 7 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses july14 | 1.8.14 | | | | 2750 | 10328 |
| 8 | klikk | 450.00 | 450.00 | d | pf | usb pen SCREENS inv10738 | 4.3.14 | 10738 | | | 3331 | 10330 |
| 9 | natasha mizzi | 537.00 | 537.00 | t | pf | cleaning council premises july14 | 1.8.14 | | | | 3350 | 10331 |
| 10 | nicholas baldacchino | 95.00 | 95.00 | d | pf | fuel expenses july14 | 1.8.14 | | | | 2750 | 10332 |
| 11 | synthesis | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works july14 lcs17/13 inv01 | 31.7.14 | 1 | lcs17/13 | | 3120 | 10336 |
| 12 | callus landscaping | 2710.16 | 2710.16 | t | pf | planting public spaces june14 inv31 | 31.6.14 | 31 | lcs18/12 | | 3061 | 10336 |
| 13 | callus landscaping | 2710.16 | 2710.16 | t | pf | planting public spaces july14 inv32 | 31.7.14 | 32 | lcs18/12 | | 3061 | 10336 |
| 14 | milord | 3753.10 | 3753.10 | t | pf | cleaning non urban july14 inv4 lcs23/10 | 1.8.14 | 4 | lcs23/10 | | 3052 | 10335 |
| 15 | milord | 120.00 | 120.00 | t | pf | uprooting of tree from ta kandja inv5 | 1.8.14 | 5 | | | 3052 | 10335 |
| 16 | pierre farrugia | 33.40 | 33.40 | d | pf | minerals inv734 po96/14 | 29.7.14 | 734 | | po96/14 | 3340 | 10337 |
| 17 | colours of the rainbow | 326.70 | 326.70 | d | pf | plants/pots balconies inv01 | 24.7.14 | 1 | | | 2370 | 10338 |
| 18 | | | | | | | | | | | | |
| 19 | | | | | | | | | | | | |
| 20 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€19,726.33** | **€19,726.33** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,726.33** | **€19,726.33** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 286 ta' l-4/8/14**

Kunsillier